

# Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin

## Mekkanizmu ta' monitoraġġ

COUNCIL OF EUROPE

CONSEIL DE L'EUROPE



# X'INHUMA L-GĦANIJIET TAL-KONVENZJONI?

L-għanijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, li daħlet fis-seħħ fl-ewwel ta' Frar tal-2008, huma l-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin, il-protezzjoni tal-vittmi u l-prosekuzzjoni tat-traffikanti. Il-konvenzjoni tinkludi kull forma ta' traffikar (nazzjonali jew transnazzjonali, marbuta jew le mal-kriminalità organiżżata) u tkopri l-vittmi kollha tat-traffikar (nisa, rġiel u tfal), kif ukoll il-forom kollha ta' sfruttament. Il-konvenzjoni tinkludi wkoll miżuri għall-promozzjoni ta' sħubijiet mas-soċjeà' ċivili u l-kooperazzjoni internazzjonali.

Il valur miżjud prinċipali tal-konvenzjoni huwa l-enfasi fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tal-vittmi. Il-konvenzjoni tiddefinixxi t-traffikar bħala l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u bħala reat kontra d-dinjità u l-integrità tal-bniedem. Dan ifisser li l-awtoritajiet nazzjonali jinżammu responsabbli jekk ma jeħdux azzjoni sabiex jipprevjenu t-traffikar tal-bnedmin, iħarsu l-vittmi, u jinvestigaw il-każijiet ta' traffikar b'mod effettiv.

It-traffikar tal-bnedmin huwa fenomenu li jolqot id-dinja kollha mingħajr fruntieri; għaldaqstant il-konvenzjoni hija rilevanti għall-pajjiżi kollha tad-dinja u miftuħa għal kull wieħed minnhom.



# KIF TIĠI MONITORATA L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-KONVENZJONI?

Il-konvenzjoni waqqfet mekkaniżmu indipendenti ta' monitoraġġ biex tevalwa kemm il-provvedimenti tagħha jiġu mwettqa fil-prattika kif meħtieġ. Dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ, li jitqies bħala wieħed mill-elementi l-aktar b'saħħithom tal-konvenzjoni, jikkonsisti f'żewġ pilastri: il-Grupp ta' Esperti dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (GRETA) u l-Kumitat tal-Partijiet.

## X'inhi l-GRETA?

Il-Grupp ta' Esperti dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (GRETA) huwa responsabbli għall-evalwazzjoni tal-implementazzjoni tal-konvenzjoni mill-pajjiżi li irratifikawha. Il-GRETA huwa grupp magħmul minn ħmistax-il espert indipendenti u imparzjali maħtura mill-pajjiżi firmatarji. Dawn l-esperti gejjin minn ambjenti ferm differenti (avukati, fizzjali tal-infurzar tal-liġi, psikologi, tobba, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, eċċ) u jiġu magħżula skont l-esperjenza professjonali tagħhom fl-oqsma koperti mill-konvenzjoni. Il-mandat tal-membri tal- GRETA huwa ta' erba' snin, u jista' jiġġedded darba biss.

## Kif il-GRETA twettaq ix-xogħol tagħha ta' monitoraġġ?

L-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-GRETA huma maqsumin f'ċikli ("rounds"). Fil-bidu ta' kull ċiklu, il-GRETA tiddefinixxi l-provvedimenti tal-konvenzjoni li jridu jiġu monitorati u tiddetermina l-aktar mod xieraq kif għandha ssir l-evalwazzjoni.

Biex twettaq ix-xogħol tagħha ta' monitoraġġ, il-GRETA tuża metodi differenti biex tiġbor l-informazzjoni. Bħala l-ewwel pass, il-GRETA tibgħat kwestjonarju lill-awtoritajiet tal-pajjiż li ser jiġi evalwat. Il-GRETA umbagħad tanalizża l-informazzjoni li tirċievi bħala tweġiba u, jekk ikun hemm bżonn, titlob li tingħata informazzjoni ulterjuri li tiċċara jew tintegra it-tweġibiet.

Barra milli tibgħat kwestjonarju, il-GRETA tagħmel ukoll żjara fil-pajjiż konċernat. Dawn iż-żjarat jinkludu taħditiet fil-fond mal-funzjonarji tal-gvern, fizzjali tal-pulizija, prosekuturi, deputati, u partijiet oħra interessati.

Barra minn hekk iż-żjarat ta' evalwazzjoni huma opportunità sabiex il-GRETA tkun tista' iżżur il-faċilitajiet fejn tingħata l-assistenza lill-vittmi tat-traffikar. Għaldaqstant il-GRETA tista' titlob li żżur ċentri ta' kriżi jew postijiet ta' kenn għal vittmi tat-traffikar ġestiti minn korpi pubbliċi jew mill-NGOs, ċentri għall-migranti irregolari jew għal dawk li qegħdin ifittxu l-ażil, postijiet ta' fruntiera jew sptarijiet. B'dawn iż-żjarat il-GRETA tkun tista' tivverifika l-effettività tal-miżuri li jittieħdu biex tiġi implementata l-konvenzjoni.



# IR-RWOL TAS-SOĊJETÀ ĊIVILI

Sors importanti ta' informazzjoni għall-GRETA hija s-soċjetà ċivili. Matul iż-żjarat ta' evalwazzjoni, il-GRETA torganiżża laqgħat mar-rappreżentanti tal-organiżżazjonijiet mhux governativi (NGOs) u rappresentanti oħra tas-soċjetà' ċivili (per eżempju, trejdjunjins, assoċjazzjonijiet tal-avukati, l-akkademja) involuti fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin.  Il-GRETA tista' tiddeċidi li tindirizza l-kwestjonarju tagħha jew kwalunkwe talba oħra għal informazzjoni lill-NGOs  u lill-membri oħrajn tas-soċjetà ċivili li għandhom aċċess għal sorsi affidabbli ta' informazzjoni u li għandhom il-possibiltà' li jivverifikaw il-veracità tal-informazzjoni.

# IR-RAPPORTI TAL-GRETA

Ir-rapporti ta' evalwazzjoni tal-GRETA ta' kull pajjiż jinkludu analiżi tas-sitwazzjoni f'kull pajjiż dwar l-azzjoni li tkun ittieħdet fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u suġġerimenti dwar kif tista' tissaħħah l-implementazzjoni tal-konvenzjoni. Ir-rapporti jiġu mfassla fi spirtu ta' kooperazzjoni u huma ntiżi biex jgħinu lill-pajjiżi fl-isforzi tagħhom.

Il-GRETA teżamina l-abbozzi tar-rapporti ta' evalwazzjoni fis-sessjonijiet plenarji tagħha. Imbagħad il-GRETA tibgħat dawn l-abbozzi lill-gvernijiet rilevanti biex jagħtu l-kummenti tagħhom, li l-GRETA tieħu in kunsiderazzjoni fir-rapport finali tagħha. Ir-rapport finali jiġi komunikat lill-awtoritajiet konċernati, li huma mistiedna sabiex jissottomettu l-kummenti finali tagħhom. Fl-aħħar ir-rapport tal-GRETA, flimkien mal-kummenti tal-awtoritajiet, jiġi ippublikat.

# IL-KUMITAT TAL-PARTIJIET FIL-KONVENZJONI

It-tieni pilastru tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ, il-Kumitat tal-Partijiet, huwa magħmul mir-rappreżentanti nazzjonali tal-pajjiżi li irratifikaw il-Konvenzjoni. Skont ir-rapporti tal- GRETA, l-Kumitat tal-Partijiet jista' jaddotta rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-pajjiżi individwali rigward il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jiġu implementati r-rakkomandazzjonijiet li joħorgu mir-rapporti tal-GRETA.



# MILL-MONITORAĠĠ GĦALL-APPOĠĠ FL-IMPLEMENTAZZJONI TAL-KONVENZJONI

Ix-xogħol ta' monitoraġġ magħmul taħt il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin jolqot tlett aspetti:

- li jevalwa u jħeġġeġ il-konformità  mal-obbligi wesgħin tal-konvenzjoni;
- li jipprovdi gwida, magħmula apposta għal kull pajjiż, fuq kif tegħleb l-ostakoli; u
- li jipprovdi forum għal kooperazzjoni internazzjonali fejn ikun hemm skambju ta' informazzjoni u ta'prassi tajba u fejn il-komunità internazzjonali tkunavżata dwar tendenzi ġodda, biex b'hekk tiġi mħeġġa azzjoni konġunta preventiva biex il-problemi jiġu evitati u indirizzati.

Ir-riżultati ta' dan il-monitoraġġ huma disponibbli online u illum saru sors ta' referenza għal dawk kollha li huma involuti fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin. Barra minn hekk, il-Kunsill tal-Ewropa jappoġġa l-gvernijiet fl-implementazzjoni tal-Konvenzjoni u tar-rakkomandazzjonijiet li joħorġu mill-proċess ta' monitoraġġ tagħha.

## Għal kuntatti u informazzjonijiet ulterjuri

Segretarjat tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (GRETA u l-Kumitat tal-Partijiet)
Kunsill tal-Ewropa / Council of Europe
F-67075 Strasbourg Cedex
Franza / France
E-mail: Trafficking@coe.int

**www.coe.int/trafficking**

THB–INF (2013)1

PREMS 236813 – MLT – © Council of Europe – Photo credit: Council of Europe / Shutterstock